

**Athinaïki Techniki AE**  
**vs**  
**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Ilment — Deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment — Irtirar tad-deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni — Kundizzjonijiet għal-legalità tal-irtirar — Regolament (KE) Nru 659/1999”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Y. Bot, ippreżentati fit-2 ta' Settembru  
2010 . . . . . I - 13277  
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-16 ta' Diċembru 2010 . . I - 13303

**Sommarju tas-sentenza**

*Għajnuna mogħtija mill-Istati — Eżami tal-ilmenti — Obbligi tal-Kummissjoni — Fażi tal-eżami preliminari — Obbligu li tingħalaq din il-fażi permezz ta' deċiżjoni — Irtirar tad-deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' ilment dwar allegata għajnuna illegali — Kundizzjonijiet (Artikolu 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikoli 4(2), (3) u (4), 13(1) u 20(2))*

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 659/1999, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 88 KE, jipponi fuq il-Kummissjoni, ladarba l-osservazzjonijiet addizzjonali jiġu ppreżentati mill-persuna interessata jew it-terminu raġonevoli jiskadi, l-obbligu li tagħlaq il-fażi preliminari tal-eżami billi tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 4(2), (3) jew (4) ta' dan ir-regolament, jiġifieri jew deċiżjoni li tikkonstata l-ineżiżtenza tal-ġħajnuna, jew dik li ma tqajjimx oġġezzjonijiet jew dik li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

Jekk, wara deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' lment dwar allegata ghajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni kienet intitolata li tirtira att, din tista' tipperpetwa n-nuqqas tagħha milli tieħu azzjoni matul il-fażi ta' eżami preliminari b'mod li jmur kontra l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 13(1) u 20(2) tar-Regolament Nru 659/1999 u tevita kull

sħarriġ ġudizzjarju. Jekk tiġi ammessa tali possibbiltà, dan imur kontra ċ-ċertezza legali li r-Regolament Nru 659/1999 jixtieq ġustament isaħħaħ, kif jirriżulta mill-premessi 3, 7 u 11 tiegħu.

Konsegwentement, fid-dawl tar-rekwiżiжи ta' amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza legali, kif ukoll tal-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva, għandu jitqies, minn naħa, li l-Kummissjoni tista' tirtira biss deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward ta' lment dwar allegata ghajjnuna illegali, bl-ġhan li tirrimedja illegalità fl-imsemmija deċiżjoni u, minnaħha l-oħra, li wara tali rtirar hija ma tistax tkompli l-proċedura minn stadju ta' qabel il-punt preċiż li fih l-illegalità kkonstatata tkun twettqet.

(ara l-punti 63, 68-70)